MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 736/1995/1

**John u Maryanne konjugi Buhagiar**
**vs**
**Registratur tal-Qorti, Marixxall Leonard Falzon u Josephine Mangion f'isimha propju u bhala legittima rapprezentanti ta' wliedha minuri Miriam, Nicolette u Joseph ahwa Mangion ghall-kwalsiasi interess li jista jkollhom u b'nota ta' l-1 ta' Novembru 2001 Miriam u Nicolette ahwa Mangion assumew l-atti tal-kawza minflok ommhom Josephine Mangion stante li illum huma maggiorenni**

**Il-Qorti,**
Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi l-atturi huma inkwilini tal-fond 378 Main Street, Mosta li kien originarjament mikri lill-omm l-attrici Doris Kelly minn Joseph Mangion bil-kera ta' Lm 25 fis-sena.

Peress illi Doris Kelly mietet fl-4 ta' Frar 1990 u kellha jghixu maghha fil-gurnata tal-mewt taghha lill-zewg uliedha l-attrici Maryanne Buhagiar u lill-Mary Louise Camilleri.

Peress illi s-sid tal-fond Joseph Mangion miet fis-26 ta' Dicembru 1992 u l-eredita' tieghu iddevolviet fuq l-eredi tieghu permezz ta' testment tal-24 ta' April 1991 fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa u tal-aggunta tat-2 ta' Lulju 1992 fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A'.

Peress illi l-imsemmi fond 378 Main Street, Mosta gie mholli b'legat mill-propjetarju Joseph Mangion lin-neputi tieghu John Farrugia.

Peress illi l-imsemmi John Farrugia sussegwentement irrikonoxxa bhala inkwilini tieghu lill-atturi permezz ta' zewg ricevuti li kopja taghhom qed jigu hawn annessi bhala Dok. 'B' u 'C'.

Peress illi l-atturi ghandhom kera mhallsa tal-fond in kwistjoni sal-31 ta' Marzu 1995.

Peress illi l-imsemmi John Farrugia sussegwentement ghall-hlas tal-kera fuq imsemmija u cioe' f'Settembru 1994 ftiehem mal-konvenuti Josephine Mangion pro et noe u rredigew skrittura ta' transazzjoni redatta mill-avukat Peter Borg Costanzi u l-avukat Siegfried Borg Cole.

Peress illi b'effett tat-transazzjoni il-fond in kwistjoni 378 Main Street, Mosta gie fil-propjeta' assoluta tal-konvenuti Josephine Mangion pro et noe.

Peress illi l-konvenuti Josephine Mangion pro et noe ad insaputa tal-atturi intavolaw rikors fl-Onorabbli Bord tal-Kera ghall-izgumbrament mill-fond 378 Main Street, Mosta kontra oht l-attrici u cioe' Mary Louise Camilleri u zewgha Nicholas Camilleri, liema rikors gie deciz fil-kontumacia taghhom fid-19 ta' Jannar 1993.

Peress illi sussegwentement ghal din is-sentenza il-konvenuti Josephine Mangion pro et noe ittentaw johorgu mandat ta' zgumbrament numru 29/93 LF fl-ismijiet "Josephine Mangion et noe vs Mary Louise Camilleri et".

Peress illi b'dan il-mandat ta' zgumbrament ma kenux ser jigu zgumbrati mill-fond Mary Louise Camilleri et imma l-atturi oddjerni f'din il-kawza.

Peress illi ma hemm ebda sentenza li tifforma stat in konfront tal-atturi odjerni, l-istess atturi hargu mandat ta' inibizzjoni li jgib in-numru 917/95 fl-ismijiet "John Buhagiar et vs Registratur tal-Qorti et" fejn huma talbu illi l-konvenuti jigu inibiti milli jizgumbraw l-atturi mill-fond in kwistjoni u dan stante ukoll illi huma l-inkwilini tal-fond in kwistjoni b'titolu validu skond il-Ligi.

Peress illi t-talba tal-atturi ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi giet milqugha minn din l-Onorabbli Qorti fid-29 ta' Mejju 1995.

Peress illi jenhtieg illi l-konvenuti jigu permanentement inibiti milli jezegwixxu l-mandat ta' zgumbrament 29/93 LF fl-ismijiet "Josephine Mangion et vs Mary Louise Camilleri et" u dan stante li l-atturi ghandhom titolu validu ta' lokazzjoni tal-fond in kwistjoni u stante li m'hemm ebda sentenza li tifforma stat in konfront taghhom.

Jghidu l-konvenuti previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-atturi ghandhom titolu validu ta' lokazzjoni tal-fond 378 Main Street, Mosta li huma jikru minghand il-konvenuti Josephine Mangion pro et noe.
2. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-sentenza tal-Onorabbli Bord tal-Kera tad-19 ta' Jannar 1993 fl-ismijiet "Josephine Mangion pro et noe vs Mary Louise Camilleri et" ma tifformax stat in konfront tal-atturi.

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti ghandhom jigu permanentement inibiti milli jizgumbraw lill-atturi mill-fond 378 Main Street, Mosta u dan stante li ghandhom titolu validu skond il-Ligi u stante li ma hemm ebda sentenza li tifforma stat in konfront taghhom.

Bl-ispejjez kompizi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 917/95 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tar-Registratur tal-Qorti li biha eccepixxa:

1. Illi huwa ma jizgombra lil hadd fuq decizjoni tieghu izda l-impjegati tal-Qorti jiehdu hsieb jesegwixxu l-mandati ta’ zgumbrament kif ordnati mill-Qorti.

Illi ghaldaqstant huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti dwar it-talbiet attrici.

2. Illi huwa m’ghandux ibati spejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Josephine Mangion f’ isimha proprju u bhala rapprezentanti ta’ uliedha Miriam u Nicolette, li biha eccepiet:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-atturi u ghandha titolu ezekuttiv biex tizgombra l-okkupant tal-fond odjern.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavits prezentati;
Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;
Semghet xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat

**Kwadru tal-fatti**

Illi l-fatti relevanti ghall-kaz in dizamina u li rrizultaw mill-assiem tal-provi huma s-segwenti. Illi qabel il-mewt taghha, fl-4 ta’ Frar 1990, Doris Kelly kienet tghix, flimkien maz-zewgt ibniet taghha Mary Anne, l-attrici, u Mary Louise, fil-fond 378 Main Street Mosta li kien mikri ghandha minn Giuseppi Mangion versu l-kera ta’ Lm25 fis-sena.

Illi fiz-zmien li mietet Doris Kelly, fil-fond kienet tghix biss Mary Louise mizzewga Camilleri, stante li ohtha, l-attrici kienet imsiefra u kienet qeda tghix ghal xi zmien barra minn Malta, ghalkemm baqghet registrata bhala votanta kif jirrizulta mir-registru elettorali ghas-snin 1989 u 1990.[1]

Illi mal-mewt ta’ Doris Kelly il-kera daret fuq isem Mary Louis Camilleri biss minghajr indikazzjoni ta’isem l-attrici. Dan jinsab konfermat kemm mix-xhieda ta’ l-attrici, tal-istess Mary Louise Camilleri, kif ukoll mix-xhieda tal-konvenuta Josephine Mangion.[2]

Illi wara l-mewt ta’ Giuseppi Mangion fis-26 ta’ Dicembru 1992 rrizulta li dana, ghamel zewg testmenti in atti Nutar Dottor Clyde La Rosa datati 24 ta’ April 1991 u 2 ta’ Lulju 1991. Fl-ewwel testment[3] huwa halla eredi universali fi kwota ta’ nofs indiviz bejniethom lil John Farrugia minn naha wahda u minn naha l-ohra lil Maria u Nicolina Mangion, ulied il-konvenuta Josephine Mangion li tigi l-armla tat-tifel premort tal-imsemmi Giuseppe Mangion; u fit-tieni testment, halla lill-imsemmi John Farrugia tlett fondi b’ titolu ta’ legat, fosthom il-fond de quo “it-terran il-Mosta, Triq il-Kbira, numru tlett mija u tmienja u sebghin [378], illum mikri”.[4]

Illi fil-frattemp Mary Louise Camilleri harget mill-fond u marret tghix band’ ohra, u dahlu l-attrici u zewgha wara li kienu gew mis-safar.

[1] Fols.12-20
[2] Fols.45, 47 u 60
[3] Fol.100
[4] Fol.8

Illi l-konvenuta Josephine Mangion, f'isimha proprju u ghan-nom ta' uliedha eredi, irrifjutat li taccetta l-kera minghand l-attrici u ma rieditx tirrikonoxxiha bhala inkwilina[5], u ghalhekk dina bdiet tiddepozita l-kera fil-Qorti.

Illi sussegwentement Josephine Mangion istitwiet proceduri quddiem il-Bord tal-Kera ghall-izgumbrament ta' Mary Louise Camilleri mill-imsemmi fond peress li dina ma rieditx taghtiha c-cwievet tal-fond; u fil-19 ta' **Jannar 1993**, fil-kontumacja tal-istess Camilleri, Mangion ottjeniet sentenza favur taghha fejn gie ordnat l-izgumbrament ta' Mary Louise Camilleri mill-imsemmi post.

Illi sussegwentement dahal fix-xena l-imsemmi John Farrugia, u dana *qua* legatarju tal-mejjet Giuseppi Mangion, u ad insaputa tal-eredit l-ohra, accetta minghand l-attur John Buhagiar il-flus tal-kera u hareg zewg ricevuti datati rispettivament 31 ta' **Marzu 1993** u 4 ta' **April 1994**[6] - u dana meta ma kienx ghadu gie immess fil-pussess tal-legat mill-eredi l-ohra ta' Giuseppi Mangion.[7]

Illi fit-28 ta' **Lulju 1994** l-imsemmi John Farrugia, wara skrittura[8] maghmula bejnu u bejn Josephine Mangion proprio et nomine, u b' rizultat tal-istess, irrinunzja ghal wirt ta' Giuseppi Mangion, "kemm bhala eredi kif ukoll ghal-kull legat lilu mholli.."[9] Mangion allegat li Farrugia kien qallha li huwa kien irceva l-kera lura minghand l-attur u li kienu qattghu r-ricevuti – allegazzjoni ferm improbabbli, fic-cirkostanzi tal-kaz !

Illi l-imsemmija Josephine Mangion, in segwitu ghas-sentenza tal-Bord tal-Kera, tas-19 ta' Jannar 1993 talbiet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament [nru.29/93] mill-fond de quo fil-konfront ta' Mary Louise Camilleri. Jirrizulta pacifiku li l-atturi ma kienu parti la fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Kera u lanqas fil-mandat ta'

[5] Dep.attrici fol.45
[6] Doks.B u C Fols.10-11
[7] Dep.Josephine Mangion Fol.85
[8] Dok.B Fol.36
[9] Fol.35

zgumbrament, u ghalhekk, isostnu l-atturi, s-sentenza ma taghmilx stat fil-konfront taghhom, u l-mandat ma setghax jigi ezegwit kontra taghhom.

Konsegwenzjalament l-atturi talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex ir-Registratur tal-Qorti jigi inibit milli jizgombrahom mill-fond li fih huma baqghu jghixu u ghadhom jghixu hemm. Sussgwentemet saret il-kawza odjerna.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-atturi qeghdin jitolbu minn din il-Qorti [1] dikjarazzjoni li huma ghandhom titolu validu ta' lokazzjoni fil-konfront tal-konvenuti Mangion fuq il-fond de quo; [2] li s-sentenza moghtija mill-Bord tal-kera fis-19 ta' Jannar 1993 fl-ismijiet *"Josephine Mangion pro et noe vs Mary Louise Camilleri"* ma taghmilx stat fil-konfront tal-aturi; u [3] li l-konvenuti jigu inibiti permanentement milli jizgumbraw lill-atturi.

Minn naha taghhom il-konvenuti Mangion qed jopponu ghal dawn it-talbiet billi jsostnu [1] li huma ma ghandhom ebda relazzjoni mal-atturi; u [2] ghandhom titolu ezekuttiv *"biex jizombraw l-okkupant tal-fond odjern".*

*Titolu*

Illi rigward il-kwistjoni tat-titolu pretiz mill-atturi jehtieg li jigu ezaminati [1] l-import legali tat-trasferiment tal-kera minn fuq Doris Kelly ghal fuq bintha Mary Louise Camilleri, u [2] il-hlas da parti tal-attur ta' flus bhala kera u l-accettazzjoni tal-istess da parti ta' John Farrugia qua legatarju meta dan ma kienx ghadu gie immess fil-pusses tal-legat.

Illi rigward l-ewwel fattur, huwa rilevant l-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appel fil-kawza ***Maria Camenzuli vs Calcedonio Ciantar***[10] fis-sens li l-eredi tal-inkwilin ghandhom id-dritt jirreklamaw ir-rilokazzjoni li ghaliha kien ikun intitolat l-inkwilin awtur taghhom kieku baqa' haj. Dan id-dritt huma nititolati jirriklamawh flimkien u indivizament. Imma jekk huma jikkonsentixxu li l-kera jgi mdawwar fuq wiehed minnhom biss, huma jitilfu di fronte

[10] App.Inf. [1957] Vol.XLID . 747

ghall-lokatur kull dritt li kellhom qabel *jure successionis* ghal dak l-inkwilinat. Ghax dan id-dritt jigi akkwistat *ex novo* minn dak il-werriet li fuqu gie mdawwar il-kera bil-kunsens tal-ohrajn;  u dan id-dritt ma jigix kommunikat lilhom, apparti li l-ligi ma tirrikonoxxix inkwilini reali u inkwilini apparenti.  Jekk imbaghad l-inkwilin il-gdid bil-fatt tieghu jitlef l-inkwilinat, l-ohrajn ma jistghux jinvokaw id-dritt ghal dak l-inkwilinat li kellhom qabel.

Illi fil-kaz in dizamina rrizulta li meta mietet l-inkwilina Doris Kelly, fil-fond kienet qeda tirrisjedi biss Mary Louise Camilleri, stante li ohtha l-attrici kienet imsiefra, u l-kera dar fuq isem Camilleri biss.  Jidher ukoll li l-attrici ghalkemm kienet taf b' din is-sitwazzjoni, ma ghamlet ebda oppozizzjoni, jew reklam tad-dritt taghha *jure successionis;* izda baqghet passiva f' dan ir-rigward u hallet l-affarijiet kif kienu sakemm eventwalment ohtha harget mill-fond u dahhlet hi ma' l-attur.  Kien proprju f' dan l-istadju li l-atturi bdew jippruvaw jdawwru l-kera fuq isimhom.

Ghal dan il-kwadru tal-fatti japplikaw il-principji guridici fuq esposti, fis-sens li malli l-kera daret fuq Mary Louise Camilleri bl-annuwenza ta' l-attrici, stante li ma ghamlet ebda oppozizzjoni, nholqot relazzjoni guridika gdida bejn Camilleri u s-sid Giuseppi Mangion – relazzjoni ta' lokazzjoni li fiha l-inkwilina hija biss Camilleri, ad eskluzjoni ta' ohtha l-attrici.  U dan apparti l-fatt li, kif sottomess mill-konvenuti, l-attrici ma gabet ebda prova li hi fil-fatt l-koeredi ma ohtha ta' omma Doris Kelly.

Illi stabbilit li wara l-mewt ta' Doris Kelly fi Frar 1990 inholqot lokazzjoni *ex novo* bejn Giuseppi Mangion u Mary Louise Camilleri, issa ghandu jigi ezaminat jekk il-hlas ta' flus lil John Farruga bhala kera, kellux l-effett li johloq relazzjoni guridika gdida bejnu u bejn l-atturi.

F' dan ir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet guridici: Il-ligi tipprovdi li kull legat pur u semplici jaghti lill-legatarju d-dritt li jircevi l-haga mhollija lilu b' legat; izda ghalkemm il-proprjeta' tal-legat tghaddi mal-mewt tad-decujus favur il-legatarju, u anke ad

insaputa tieghu, il-pussess tal-legat hu trasferit lill-eredi *per modum continuationis*, u ghalhekk jehtieg it-talba tal-legatarju ghall-pusess tal-legat. L-Art.726 espressament jiddisponi li "Il-legatarju ghandu jitlob lill-werriet il-pussess al-haga imhollija legat." Fil-gurisprudenza l-importanza u l-portata ta' din l-immissjoni fil-pussess hija enfatika u pacifika *[App.Civ.**Maurice Busuttil vs Joseph Meli**]*[11]

*Inoltre gie osservat "Zgur li l-ligi riedet illi l-legatarju, anke jekk isir effettivament proprjetarju tal-legat fil-mument tal-mewt tat-testatur, **ma ghandux id-disponibilita' shiha** ta' l-oggett lilu legat sakemm ma jigix immess fil-pussess tieghu mill-werrieta li minn naha taghhom sa dak il-mument ma jistghux jiddisponu minnu proprju ghaliex ikun thalla lil haddiehor. Hu propriju ghalhekk li l-legatarju ma jistax jezercita l-azzjoni rivendikatorja kontra terzi pussessuri tal-fond li jifforma l-oggett legat qabel ma jkun gie immess fil-pussess tieghu* [ Vol.XXIX.I.675][12] *Il-legat ma jigix trasferit ipso jure; u l-legatarju ma jistax jezercita ebda azzjoni kontra t-terzi fuq l-oggett tal-legat qabel ma jkun sar il-pussessur tal-legat* [PA **Antonia Grech vs Carmelo Farrugia**][13]

*Dan l-obbligu tal-immissjoni tal-legatarju fil-pussess tal-oggett legat jezisti wkoll fil-konfront ta' legatarju li jkun wkoll koeredi. Hekk fil-kawza* **Rinaldo Wismayer vs Mario Wismayer[14]** *din l-Qorti osservat li meta l-legatarju jkun wiehed mill-istess werrieta, il-formalita' tat-talba ghall-immissjoni fil-pussess hija **dejjem mehtiega** ghall-porzjonijiet li l-legatarju ghandu jiehu minghand il-koeredi.*

Illi dawn il-prinicpji guridici, applikati ghall-kaz in dizamina, iwassalu ghall-konkluzjoni li John Farrugia ma seta' qatt jaghti dritt ta' lokazzjoni fuq il-fond de quo, gjaldarba ma kienx gie immess fil-pussess ta' dak il-legat. La darba ma saritx din il-formalita' rikjesta mill-ligi u msahha mill-gurisprudenza, huwa, ghalkemm proprjetarju, ma kellux

[11] [1998] Vol.LXXXII.II.674
[12] Ibid. Vide wkoll – *App.Civ.**Francesco Vassallo La Rosa vs Oreste Vassallo La Rosa** [1936]* Vol.XXIXC.I.675
[13] Vol.44D.II.655
[14] PA [WH] [1946] Vol.XXXIIC.II.264 – emfasi tad' din il-Qorti

id-disponabilita' tal-fond mholli lilu b'legat u ghalhekk l-accettazzjoni da parti tieghu tal-flus tal-'kera' ma setghetx ghal finijiet u effetti tal-ligi holqot relazzjoni ta' lokazzjoni bejnu u bejn l-atturi.

Illi in bazi ghall-premess l-eccezzjoni tal-konvenuti Mangion li huma ma ghandhom ebda relazzjoni ma' l-atturi hija fondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi akkolta.

*Sentenza tal-Bord u l-Mandat ta' Zgumbrament*

Illi mill-provi u minn ezami ta' l-atti relettivi[15] jirrizulta manifest li l-atturi **ma kienux parti** la fil-proceduri quddiem il-Bord tal-kera fil-kawza fl-ismijiet *"Josephine Mangion pro et noe vs Mary Louise Camilleri et",* la fis-sentenza fl-istess ismijiet li nghatat fis-19 ta' Jannar 1993 u lanqas fl-atti tal-mandat ta' zgumbrament [nru.29/93] fl-istess ismijiet. Ghaldaqstant it-tezi tal-atturi li s-sentenza ma tistax tifforma stat fil-konfront taghhom issib gustifikazzjoni fil-ligi, u t-tieni talba attrici ghandha tigi milqugha.

Il-bazi legali ta' din il-konkluzjoni tinstab fl-Artikolu 237 tal-***Kap***.12 li jiddisponi testwalment: "Is-sentenza ma' tista' tkun qatt ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta' l-awturi jew ta' rapprezentanti legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b' dik is-sentenza" - regola fondamentali li tirrifletti l-massima antika: *res inter alios acta vel judicata aliis nec nocere nec prodesse potest*.

Fuq l-istess binarju legali jinghad li l-mandat ta' zgumbrament ma jistax jigi ezegwit kontra min mhux indikat fl-istess mandat. Dan il-principju gie applikat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kummercjali fil-kawza ***Gulab Chatlani vs George Grixti***[16] fejn gie deciz li mandat ta' zgumbrament mahrug kontra l-inkwilin originali ma setghax jigi ezegwit kontra s-sub inkwilin li ma kienx

---

[15] Il-Qorti ezaminat l-atti tal-proceduri quddiem il-Bord tal-Kera, is-sentenza kif ukoll l-atti tal-mandat ta' zgumbrament li ghalihom hemm referenza fl-att tac-citazzjoni. Dawn l-atti huma kollha diretti kontra *"Mary Louise mart Nicholas Camilleri u l-istess Nicholas Camilleri ghal kwalsiasi interess li ghandhu."*

[16] [1991] Vol.LXXV.II.605

indikat f' dak il-mandat u li kien *res inter alios acta* f' dawk il-proceduri. Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-konvenuti li huma ghandhom titolu ezekuttiv biex jizgombraw lill-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta.

Illi rigward it-tielet talba attrici, diretta biex din il-Qorti tordna l-inibizzjoni permanenti tal-konvenuti milli jizgombraw lill-atturi mill-fond *de quo*, il-Qorti tosserva li din it-talba, kif formulata, hi mmirata ghal hrug ta' mandat kawtelatorju permanenti li m' ghandux post fis-sistema legali nostrana. Din it-talba hija diretta biex tirrendi permanenti l-mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni [nru.917/95], indikat fic-citazzjoni, mahrug mill-atturi fil-konfront tal-konvenuti.

Jigi osservat in tema legali li d-dritt tal-kawtela [dak procedurali] huwa distint mid-dritt sostanzjali li jista' jigi mhares. Dawn huma zewg jeddijet distinti li ma jistghux jitqiesu bhala l-istess jedd. Il-jedd imsemmi fil-mandat m' huwiex id-dritt li taghmel mandat, imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ezekutant jaghmel uzu mid-dritt li jinstilet mill-kawtela moghtija bil-hrug tal-mandat[17] Ghalhekk tali talba hija inammissibbli fil-ligi. Konsegwentement il-konvenuti Registratur tal-Qorti u l-Marixxall Leonard Falzon, ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju; u f' dan ir-rigward il-Qorti tillimita ruhha ghall-osservazzjoni li l-mandat ta' zgumbrament ma hux ezegwibbli fil-konfront tal-atturi ghar-ragunijiet fuq indikati.

Illi raguni ohra li ghaliha l-Marixxall Falzon u r-Registratur tal-Qorti m' ghandhomx jgorru responsabbilita' civili f' dan il-kaz hija dik moghtija fl-eccezzjoni tar-Registratur fis-sens li dawn kienu qed jezegwixxu ordni tal-Qorti. Mill-ezami tar-riferta li tidher fuq l-att tal-mandat ta' zgumbrament iffirmata mill-Marixxall Falzon, jirrizulta li meta dana mar biex jezegwixxi l-mandat "ma fetah hadd" u ghalhekk huwa sgassa fil-fond u beda johrog l-affarijiet mid-dar. Wara li tbattal il-post kollu, tfacca l-Marixxall Buhagiar u tah kopja tal-impediment numru 917/95 [il-

[17] Vide. *PA [RCP]* ***Rev. George Schembri vs Saqqajja Caterers Limited*** deciza 30 ta' April 2003, u kazistika hemm indikata.

mandat ta' inibizzjoni] biex jieqaf mill-esekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament. F' dan ir-rigward il-Qorti ma tara xejn censurabbli da parti ta' dawn il-konvenuti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tillibera lill-Registratur tal-Qorti u lill-Marixxall Leonard Falzon mill-osservanza tal-gudizzju; u tichad l-ewwel u t-tielet talbiet attrici; u tilqa' t-tieni talba attrici u tiddikjara li s-sentenza hemm indikata ma tifformax stat in konfront tal-atturi. L-ispejjez tat-tieni talba ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti Mangion, filwaqt li l-kumplament tal-ispejjez jibqghu a kariku tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------